MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 733/2000/1

**Terranet LImited**

**Vs**

**Marbeaux Holdings Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata sabiex thallas lil dik attrici is-somma ta' seba' mija u sebgha u ghoxrin lira (Lm727) rapprezentanti l-bilanc mill-prezz ta' servizzi lis-socjeta konvenuta resi, fuq ordni tas-socjeta konvenuta, mis-socjeta' attrici, skond Invoice anness bhala dokument "A'. Bl-imghax mill-31 ta' Jannar 1998 sal-hlas effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Settembru 1999 kontra s-socjeta'

konvenuta li r-rappresentanti taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll il-fattura anessa mal-istess atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta attrici (fol 6 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li l-esponenti ma ikkonferma ebda inkarigu mal-attur.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, minnufih, ghandu jigi notat li s-socjeta konvenuta qatt ma resqet xi forma ta’ prova in sostenn ta’ dak allegat fin-nota tal-eccezzjonijiet sottomessa minnha u dan avolja, sahansitra anke giet sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza fuq talba taghha stess kif jidher mid-digriet moghti fid-29 ta’ April 2003 (ara fol 24 tal-istess atti).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ad parti tas-socjeta attrici, din ipproduciet lil <u>Marcel Spiteri</u> (fol 13 sa fol 19 tal-atti), il-kontrollur tal-kreditu tal-istess socjeta, li ikkonferma taht gurament li l-ammont specifikat fl-avviz u fl-imsemmi dokument markat “<u>A</u>” kien ghadu dovut in konnessjoni mas-servizzi kif deskritti fid-dokumenti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici is-somma ta’ Lm727.00,0 bl-imghax legali mill-31 ta’

Jannar 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta’ Settembru 1999.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------